SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla)

21 ta' Novembru 2024*

Werrej

I. Il-kuntest ġuridiku . . . 3
A. Ir-Regolamenti tal-Persunal . . . 3
B. Il-Kondizzjonijiet tal-impjieg . . . 5
C. Il-Ftehim Qafas . . . 5
D. Id-Direttiva 2002/14/KE . . . 6
II. Il-fatti li wasslu għall-kawża . . . 6
III. Il-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali li tiddeċiedi fuq ir-rinviju u s-sentenza appellata . . . 8
IV. It-talbiet tal-partijiet fl-appell . . . 8
V. Fuq l-appell . . . 9
A. Fuq l-ewwel aggravju . . . 9
1. L-argumenti tal-partijiet . . . 9
2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja . . . 10
a) Fuq l-ammissibbiltà . . . 10
b) Fuq il-mertu . . . 11
B. Fuq it-tieni aggravju . . . 13
1. L-argumenti tal-partijiet . . . 13
2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja . . . 14
a) Fuq l-ammissibbiltà . . . 14

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

b) Fuq il-mertu 14

C. Fuq it-tielet aggravju 16

1. L-argumenti tal-partijiet 16

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 18

a) Fuq l-ammissibbiltà 18

b) Fuq il-mertu 19

1) Fuq l-ewwel parti 19

2) Fuq it-tieni parti 21

3) Fuq it-tielet parti 21

4) Fuq ir-raba' parti 22

5) Fuq il-ħames parti 23

D. Fuq ir-raba' aggravju 24

1. L-argumenti tal-partijiet 24

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 24

E. Fuq it-talba għall-kumpens għad-dannu 25

1. L-argumenti tal-partijiet 25

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 25

Fuq l-ispejjeż 26

"Appell – Servizz pubbliku – Membri tal-persunal bil-kuntratt – Kuntratt għal żmien indeterminat – Xoljiment tal-kuntratt – Artikolu 47(c)(i) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea – Inkompetenza professjonali – Kondotta fis-servizz u kapaċità għax-xogħol mhux kompatibbli mal-interess tas-servizz – Obbligu ta' motivazzjoni – Dritt għal smigħ – Dritt għal-leave parentali – Artikolu 42a tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea"

Fil-Kawża C-546/23 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fid-29 ta' Awwissu 2023,

UG, irrappreżentata minn M. Richard, avocat,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata inizjalment minn I. Melo Sampaio u A. Sauka, bħala aġenti, sussegwentement minn A. Sauka, bħala aġent,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla),

komposta minn F. Biltgen, President tal-Ewwel Awla, li qiegħed jaġixxi bħala President tas-Seba' Awla, M. L. Arastey Sahún (Relatriċi), Presidenta tal-Ħames Awla, u J. Passer, Imħallef,

Avukat Ġenerali: P. Pikamäe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, UG titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-21 ta' Ġunju 2023, UG vs Il-Kummissjoni (T-571/17 RENV, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2023:351), li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors tagħha intiż, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tas-17 ta' Ottubru 2016 li permezz tagħha l-Kummissjoni Ewropea xoljiet il-kuntratt tagħha bħala membru tal-persunal bil-kuntratt (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża") u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-danni materjali u morali li UG allegatament ġarrbet minħabba din id-deċiżjoni.

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Ir-Regolamenti tal-Persunal

2 L-Artikolu 42a tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea fil-verżjoni tagħhom applikabbli għall-kawża (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal"), jipprevedi:

"L-uffiċjal għandu jkun intitolat għal sitt xhur ta' leave tal-ġenituri mingħajr salarju bażiku għal kull tifel/tifla, li għandhom jittieħdu matul l-ewwel tnax-il sena wara t-twelid jew l-adozzjoni tat-tifel/tifla. […]"

3 Skont l-Artikolu 47 tar-Regolamenti tal-Persunal:

"Is-servizz għandu jintemm b':

[…]

(d) tkeċċija fuq inkompetenza;

[…]”

4 L-Artikolu 51 tar-Regolamenti tal-Persunal huwa fformulat kif ġej:

“1. L-awtorità tal-ħatra ta’ kull istituzzjoni għandha tiddefinixxi l-proċeduri biex ikunu identifikati, jieħdu ħsieb u jirmedjaw każijiet ta’ inkompetenza b’mod fil-ħin u xieraq.

Meta tadotta dispożizzjonijiet interni, l-awtorità tal-ħatra ta’ kull istituzzjoni għandha tirrispetta r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) uffiċjal li, fuq il-bażi ta’ tliet rapporti konsekuttivi annwali insodisfaċenti kif msemmija fl-Artikolu 43, jibqa’ ma juri l-ebda progress fil-kompetenza professjonali tiegħu, dan għandu jitniżżel grad wieħed. Jekk, iż-żewġ rapporti annwali sussegwenti jibqgħu juru prestazzjoni insodisfaċenti, l-uffiċjal għandu jitkeċċa;

(b) kwalunkwe proposta li uffiċjal jintniżżel grad jew li jitkeċċa għandha tippreżenta r-raġunijiet fuq xiex hija bbażata u għandha tkun ikkomunikata lill-uffiċjal ikkonċernat. Il-proposta mill-awtorità tal-ħatra għandha tkun riferuta lill-Kumitat Konġunt ta’ Konsulenza previst fl-Artikolu 9(6).

2. L-uffiċjal għandu d-dritt jikseb il-fajl personali sħiħ tiegħu u jieħu kopja tad-dokumenti kollha dwar il-proċedura. Huwa għandu jkollu mill-anqas 15-il ġurnata, iżda mhux aktar minn 30 ġurnata, mid-data li fiha jkun irċieva l-proposta biex iħejji difiża. Huwa jista’ jkun assistit minn persuna tal-għażla tiegħu. L-uffiċjal jista’ jressaq kummenti bil-miktub. Huwa għandu jinstema’ mill-Kumitat Konġunt ta’ Konsulenza. L-uffiċjal jista’ jtella’ xhieda.

[…]”

5 L-Artikolu 60 tar-Regolamenti tal-Persunal jipprevedi li:

“Ħlief fil-każ ta’ mard jew inċident, uffiċjal ma jistax ikun assenti mingħajr permess minn qabel tas-superjur tiegħu dirett fuqu. Mingħajr preġudizzju għal xi miżuri dixxiplinari li jistgħu japplikaw, kull assenza mhux awtorizzata li hija stabbilita sew għandha titnaqqas mill-*leave*ta’ kull sena ta’ l-uffiċjal konċernat. Jekk uża l-*leave*ta’ xogħol tiegħu, għandu jitlef ir-remunerazzjoni tiegħu għal perjodu ekwivalenti.

[…]”

6 Is-sitt paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Anness II tar-Regolamenti tal-Persunal huwa fformulat kif ġej:

“Id-dmirijiet li jieħdu l-membri tal-Kumitat tal-Persunal u l-uffiċjali maħtura mill-Kumitat ta’ organi stabbiliti taħt ir-Regolamenti tal-Persunal jew mill-istituzzjoni jitqiesu parti mi-servizz normali tagħhom fl-istituzzjoni tagħhom. Il-fatt li jitwettqu t-tali dmirijiet bl-ebda mod ikun ta’ preġudizzju għall-persuna kkonċernata.”

7 L-Artikolu 9(1)(h) tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal jiddisponi:

"L-Awtorità tal-Ħatra tista' timponi wieħed mill-pieni li ġejjin:

[…]

[(h)] tneħħija minn posizzjoni u, fejn ikun il-każ, tnaqqis pro tempore ta' pensjoni jew jinżamm, għal perjodu stabbilit, ammont mill-benefiċċju ta' l-invaliditá; l-effett ta' din il-miżura m'għandux jestendi għad-dipendenti ta' l-uffiċjal. Iżda, fil-każ tat-tali tnaqqis, id-dħul ta' dak li qabel kien uffiċjal ma jistax ikun anqas mis-somma minima ta' l-għajxien, imniżżla fl-Artikolu 6 ta' l-Anness VIII, bl-addizzjoni ta' xi benefiċċji pagabbli tal-familja."

B. Il-Kondizzjonijiet tal-impjieg

8 L-Artikolu 47 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea, fil-verżjoni tagħhom applikabbli għall-fatti tal-kawża (iktar 'il quddiem il-"Kondizzjonijiet tal-impjieg"), huwa fformulat kif ġej:

"Minbarra t-tmiem mal-mewt, l-impjieg tal-persunal temporanju għandu jieqaf:

[…]

(c) meta l-kuntratt ikun għal perjodu indefinit:
(i) fi tmiem il-perjodu ta' notifika stipulat fil-kuntratt; it-tul tal-perjodu ta' notifika ma jkunx anqas minn xahar għal kull sena kompluta ta' servizz, soġġett għal minimu ta' tliet xhur u massimu ta' 10 xhur. Madankollu, il-perjodu ta' notifika ma għandux jibda għaddej matul tqala kkonfermata permezz ta' ċertifikat mediku, leave tal-maternità jew leave tal-mard, sakemm it-tali leave tal-mard ma jaqbiżx tliet xhur. Barra minn hekk, għandu jkun sospiż matul tqala kkonfermata permezz ta' ċertifikat mediku, maternità jew leave tal-mard soġġett għal-limiti msemmija qabel; jew

[…]"

C. Il-Ftehim Qafas

9 Il-klawżola 5(4) tal-Ftehim Qafas dwar il-Leave tal-Ġenituri (Rivedut), konkluż fit-18 ta' Ġunju 2009, li jinsab fl-anness tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE tat-8 ta' Marzu 2010 li timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri konkluż minn BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC u li jħassar id-Direttiva 96/34/KE (ĠU 2010, L 68, p. 13) (iktar 'il quddiem il-"Ftehim Qafas"), jipprevedi:

"Biex jiżguraw li l-ħaddiema jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal-leave tal-ġenituri, l-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex iħarsu lill-ħaddiem kontra trattament anqas favorevoli jew tkeċċija abbażi ta' applikazzjoni għal, jew teħid ta', leave tal-ġenituri skont il-liġi, ftehim kollettiv u/jew il-prattiki nazzjonali."

D. Id-Direttiva 2002/14/KE

10 L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' l-impjegati fil-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 219), jiddisponi:

"L-Istati Membri għandhom jassiguraw li r-rappreżentanti ta' l-impjegati, meta jwettqu l-funzjonijiet tagħhom, igawdu protezzjoni u garanziji adekwati biex ikunu jistgħu jwettqu d-doveri li jkunu ġew assenjati lilhom."

II. Il-fatti li wasslu għall-kawża

11 Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew esposti, parzjalment, fil-punti 2 sa 19 tas-sentenza appellata. Għall-finijiet ta' din il-proċedura, dawn jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

12 Fl-20 ta' Marzu 2007, UG ġiet irreklutata mill-Uffiċċju "Infrastruttura u Loġistika fil-Lussemburgu" (OIL) tal-Kummissjoni bħala membru tal-persunal bil-kuntratt, konformement mal-Artikolu 3a(a) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg, sabiex teżerċita funzjonijiet ta' edukatriċi fiċ-ċentru polivalenti tat-tfal, għal żmien determinat mill-1 ta' April 2007 sal-31 ta' Marzu 2009.

13 Fil-25 ta' Frar 2009, il-kuntratt ta' UG ġie estiż sal-31 ta' Marzu 2010.

14 Fil-5 ta' Frar 2010, dan il-kuntratt ġie estiż għal żmien indeterminat, b'effett mill-1 ta' April 2010.

15 Mis-16 ta' Novembru 2011 sal-1 ta' April 2014, UG ġiet eżentata mill-funzjonijiet tagħha ta' għalliema sa 50 % tal-ħin tax-xogħol, fid-dawl tal-eżerċizzju ta' mandat sindakali part-time f'organizzazzjoni sindakali.

16 Fit-13 ta' Mejju 2014, UG ġiet eletta fil-Kumitat Lokali tal-Persunal tal-Lussemburgu (il-Lussemburgu) u nħatret bħala membru tal-Kumitat Ċentrali tal-Persunal fi Brussell (il-Belġju) (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, il-"Kumitati tal-Persunal").

17 Fit-8 ta' April 2016, l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ stabbilixxiet ir-rapport ta' evalwazzjoni ta' UG għas-sena 2015 (iktar 'il quddiem ir-"rapport ta' evalwazzjoni 2015"), skont liema l-livell globali ta' prestazzjoni tagħha ma tqiesx sodisfaċenti għall-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2015.

18 Fil-15 ta' Lulju 2016, UG tqiegħdet fuq leave parentali, fuq talba tagħha, sal-14 ta' Novembru 2016.

19 Permezz ta' ittra tat-8 ta' Settembru 2016 (iktar 'il quddiem l-"ittra tat-8 ta' Settembru 2016"), l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ informat lil UG bl-intenzjoni tagħha li xxolji l-kuntratt tagħha abbażi tal-Artikolu 47 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg, minħabba n-natura mhux sodisfaċenti tal-livell ta' prestazzjonijiet tagħha u tal-aġir tagħha fis-servizz sa mis-sena 2013.

20 Permezz ta' ittra tat-30 ta' Settembru 2016, l-appellanti kkontestat il-motivi invokati mill-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ fl-ittra tat-8 ta' Settembru 2016.

21 Fis-17 ta' Ottubru 2016, l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ adottat id-deċiżjoni kontenzjuża, li permezz tagħha xoljiet il-kuntratt ta' UG abbażi tal-Artikolu 47(c) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg, b'effett mill-31 ta' Lulju 2017, fid-dawl ta' avviż tat-temm ta' impjieg ta' disa' xhur li beda jiddekorri mill-1 ta' Novembru 2016.

22 Fid-29 ta' Novembru 2016, l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ finalment iffissat il-bidu ta' dan l-avviż tat-temm ta' impjieg għall-21 ta' Novembru 2016 u t-tmiem tal-imsemmi kuntratt għall-20 ta' Awwissu 2017.

23 Fuq talba ta' UG, datata s-16 ta' Diċembru 2016, il-leave parentali tagħha ġie estiż sal-20 ta' Awwissu 2017.

24 Fis-17 ta' Jannar 2017, UG ressqet, skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, ilment kontra d-deċiżjoni kontenzjuża.

25 Fit-18 ta' Mejju 2017, l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ ċaħdet l-imsemmi lment.

26 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-22 ta' Awwissu 2017, l-appellanti ppreżentat rikors intiż, b'mod partikolari, għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża u għall-kumpens tad-danni materjali u morali li hija allegatament ġarrbet minħabba din id-deċiżjoni.

27 Permezz tas-sentenza tat-2 ta' April 2020, UG vs Il-Kummissjoni (T-571/17, iktar 'il quddiem is-"sentenza inizjali", EU:T:2020:141), il-Qorti Ġenerali, l-ewwel nett, annullat id-deċiżjoni kontenzjuża, it-tieni nett, stiednet lill-partijiet jittrażmettulha, f'terminu ta' tliet xhur, jew l-ammont iffissat bi ftehim komuni tal-kumpens pekunjarju marbut mal-illegalità ta' din id-deċiżjoni, jew, fin-nuqqas ta' ftehim, it-talbiet tagħhom f'ċifri fir-rigward ta' dan l-ammont, it-tielet nett, ċaħdet il-kumplament tat-talbiet u, ir-raba' nett, irriżervat l-ispejjeż.

28 Permezz tad-digriet tat-13 ta' Novembru 2020, UG vs Il-Kummissjoni (T-571/17, EU:T:2020:553), il-Qorti Ġenerali, l-ewwel nett, ikkonstatat li ma kienx għad hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar il-kumpens pekunjarju marbut mad-deċiżjoni kontenzjuża u, it-tieni nett, ikkundannat lill-Kummissjoni tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, nofs l-ispejjeż ta' UG u kkundannat lil din tal-aħħar tbati nofs l-ispejjeż tagħha.

29 Permezz tas-sentenza tal-25 ta' Novembru 2021, Il-Kummissjoni vs UG (C-249/20 P, iktar 'il quddiem is-"sentenza fl-appell", EU:C:2021:964), il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza inizjali, sa fejn, l-ewwel nett, annullat id-deċiżjoni kontenzjuża, it-tieni nett, ikkonstatat l-eżistenza ta' illegalità li tista' tagħti lok għar-responsabbiltà tal-Kummissjoni u, it-tielet nett, ċaħdet bħala inammissibbli t-talba ta' UG intiża għall-kumpens għad-dannu morali tagħha.

30 Fil-punt 27 tas-sentenza fl-appell, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Qorti Ġenerali kienet manifestament żnaturat il-kontenut tal-ittra tat-8 ta' Settembru 2016 billi ddeċidiet, fil-punti 64, 70 u 71 tas-sentenza inizjali, li, f'din l-ittra, l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ kienet ikkritikat lil UG talli ma ssodisfatx, f'terminu ta' tliet xhur, l-għanijiet li kienu ġew assenjati lilha fir-rapport ta' evalwazzjoni 2015.

31 Barra minn hekk, fil-punt 38 tas-sentenza fl-appell, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, għalkemm, kif jirriżulta mill-punti 70 u 71 tas-sentenza inizjali, il-kompiti mitluba minn UG kienu ġew maħsuba u deskritti bħala li jaqgħu f'ċertu tul, il-Qorti Ġenerali ma kinitx tesponi r-raġuni li għaliha hija qieset li ma kienx raġonevoli li jiġi rikjest min-naħa ta' UG li hija tistabbilixxi tabella ta' azzjonijiet edukattivi f'terminu ta' tliet xhur.

32 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet, fil-punt 39 tas-sentenza fl-appell, li l-Qorti Ġenerali kienet kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, peress li l-motivi tas-sentenza inizjali ma kinux jippermettu li wieħed jifhem, anki jekk impliċitament, ir-raġuni għalfejn hija kienet qieset li t-terminu ta' tliet xhur, mogħti lil UG sabiex tiġi stabbilita t-tabella ta' azzjonijiet edukattivi, kien qasir wisq.

33 Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tal-Ġustizzja bagħtet il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali u rriżervat l-ispejjeż.

III. Il-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali li tiddeċiedi fuq ir-rinviju u s-sentenza appellata

34 Insostenn tat-talbiet tagħha intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, esposti fil-kuntest tal-Kawża T-571/17 RENV, UG invokat, essenzjalment, seba' motivi, ibbażati, l-ewwel, fuq nuqqas ta' motivazzjoni, it-tieni, fuq ksur tal-Artikolu 51 tar-Regolamenti tal-Persunal u tad-dritt għal smigħ, it-tielet, fuq żbalji ta' liġi fir-rigward tad-dritt għal-leave parentali u tad-dritt għall-informazzjoni u għall-konsultazzjoni tal-ħaddiema, ir-raba', fuq diversi żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u żbalji ta' fatt, il-ħames, fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, is-sitt, fuq ksur tal-proċedura dixxiplinari prevista fl-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, u s-seba', fuq użu ħażin ta' poter.

35 Il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ewwel motiv għaliex infondat.

36 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet dwar it-talbiet għal kumpens tal-appellanti intiżi sabiex il-Kummissjoni tiġi kkundannata tħallasha, minn naħa, kumpens li jikkorrispondi għas-salarji li hija ġiet imċaħħda minnhom sa mid-data tat-tkeċċija tagħha u, min-naħa l-oħra, kumpens għad-dannu morali minħabba trattament degradanti u diskriminatorji li ġew imposti fuqha minħabba l-attività sindakali tagħha u t-teħid ta' leave parentali.

37 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-appellanti ma invokatx, insostenn tat-talbiet tagħha għal kumpens, kapijiet ta' illegalità li huma differenti minn dawk li hija kienet esponiet insostenn tat-talbiet tagħha intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża. F'dawn iċ-ċirkustanzi u peress li t-talbiet għal annullament kienu ġew miċħuda bħala infondati, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li t-talbiet għal kumpens kellhom jiġu miċħuda wkoll, mingħajr ma kien hemm bżonn li tingħata deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tagħhom.

38 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat minn UG fl-intier tiegħu.

IV. It-talbiet tal-partijiet fl-appell

39 Bl-appell tagħha, UG titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata sa fejn il-Qorti Ġenerali kkunsidrat bħala fondata t-tkeċċija tagħha u kkundannatha tħallas terz tal-ispejjeż tal-Kummissjoni;

– b'evokazzjoni, li tallokalha s-somma ta' EUR 68 000 għad-dannu materjali tagħha;

– b'evokazzjoni, li tagħtiha is-somma ta' EUR 40 000 għad-dannu morali tagħha;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għar-rimbors tal-ispejjeż kollha, kif ukoll għall-ispejjeż tal-avukati tagħha fil-kuntest ta' dan l-appell, evalwati provviżorjament għal EUR 10 000 bla ħsara għal żieda; u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għar-rimbors tal-ispejjeż kollha, kif ukoll għall-ispejjeż tal-avukati kollha relatati ma' dan l-appell li jammontaw għal EUR 30 000.

40 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell u

– tikkundanna lil UG għall-ispejjeż.

V. Fuq l-appell

41 Insostenn tat-talba tagħha għall-annullament tas-sentenza appellata, UG tinvoka, essenzjalment, erba' aggravji, ibbażati, l-ewwel, fuq ksur tal-protezzjoni dwar il-leave parentali, it-tieni, fuq ksur tal-protezzjoni tar-rappreżentanti tal-persunal, it-tielet, fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u, ir-raba', fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

A. Fuq l-ewwel aggravju

1. L-argumenti tal-partijiet

42 UG issostni li, fil-punti 92 u 93 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali għamlet b'mod inġustifikat distinzjoni bejn, minn naħa, l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' tkeċċija matul il-leave parentali u, min-naħa l-oħra, id-dħul fis-seħħ ta' din id-deċiżjoni fil-mument meta l-persuna kkonċernata tinsab fuq leave parentali, sabiex minn dan tiddeduċi b'mod żbaljat li l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża fil-mument meta hija kienet bil-leave parentali ma kinitx tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 42a tar-Regolamenti tal-Persunal, moqri fid-dawl tar-rekwiżiti minimi li jinsabu fil-klawżola 5(4) tal-Ftehim Qafas.

43 Issa, fl-opinjoni ta' UG, id-deċiżjoni kontenzjuża wasslet sabiex hija ma terġax tieħu xogħolha fit-tmiem tal-leave parentali tagħha, li juri li t-tkeċċija ta' persuna matul il-leave parentali tikkostitwixxi ksur tal-protezzjoni prevista fil-klawżola 5(4) tal-Ftehim Qafas u tal-obbligu tal-persuna li timpjega li żżomm l-impjieg tal-membru tal-persunal li jieħu dan il-leave.

44 UG issostni li l-Artikoli 47 u 51 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Artikolu 9(1)(h) tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll l-Artikolu 47 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg għandhom jiġu interpretati b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Qafas kif ukoll mal-Artikolu 33(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), jiġifieri fis-sens li jipprekludu t-tkeċċija matul it-tul kollu tal-leave parentali.

45 Barra minn hekk, ikun kuntrarju għar-rekwiżiti tal-protezzjoni kontra t-tkeċċija marbuta mal-leave parentali li wieħed jassimila, kif għamlet il-Qorti Ġenerali fil-punt 109 tas-sentenza appellata, l-inkompetenza professjonali man-nuqqas dixxiplinari gravi.

46 Fir-rigward tal-punt 112 tas-sentenza appellata, UG issostni li huwa rari ħafna li l-persuna li timpjega ssemmi, fl-ittra ta' tkeċċija ta' impjegat, ir-rabta bejn din it-tkeċċija u l-leave parentali ta' dan tal-aħħar.

47 Sa fejn minn diversi elementi tal-proċess f'din il-kawża jirriżulta li t-teħid minn UG tal-leave parentali kien ir-raġuni reali għat-tkeċċija tagħha, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta ddeċidiet, fil-punt 144 tas-sentenza appellata, li l-illegalità kkonstatata fil-punt 142 ta' din is-sentenza ma setgħetx twassal, waħedha, għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża.

48 F'dan il-każ, it-tkeċċija ta' UG tikkostitwixxi użu ħażin ta' poter mill-Kummissjoni, peress li, taħt il-pretest ta' tkeċċija marbuta mal-inkompetenza professjonali, din l-istituzzjoni fir-realtà ssanzjonat lil UG għat-teħid tal-leave parentali tagħha f'perijodu li ma kienx xieraq għall-Kummissjoni.

49 Għaldaqstant, id-deċiżjoni kontenzjuża tikkostitwixxi diskriminazzjoni b'rabta mat-teħid tal-leave parentali, magħmula bi ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), moqri flimkien mal-Artikolu 8 ta' din il-konvenzjoni u mal-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 12 tagħha, iffirmat f'Ruma fl-4 ta' Novembru 2000.

50 Il-Kummissjoni tirribatti li l-ewwel aggravju huwa inammissibbli sa fejn huwa intiż sabiex tinkiseb evalwazzjoni globali ġdida tal-kawża u li huwa, fi kwalunkwe każ, infondat.

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

a) Fuq l-ammissibbiltà

51 Fir-rigward tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-ewwel aggravju, għandu jitfakkar li mill-Artikolu 256 TFUE, mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 168(1)(d) u mill-Artikolu 169 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkontestati tas-sentenza jew tad-digriet li jkun qiegħed jintalab l-annullament tiegħu kif ukoll l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku din it-talba. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, appell li sempliċement jirriproduċi l-motivi u l-argumenti diġà mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali ma jissodisfax dan ir-rekwiżit. Fil-fatt, tali appell fil-verità jikkostitwixxi talba intiża sabiex jinkiseb sempliċi eżami mill-ġdid tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, u dan imur lil hinn mill-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2024, Thunus *et* vs BEI, C-561/23 P, EU:C:2024:603, punti 22 u 23 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

52 F'dan il-każ, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, permezz tal-ewwel aggravju, UG tikkritika, essenzjalment, lill-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari, li wettqet żbalji ta' liġi. F'dan ir-rigward, UG tindika diversi drabi l-elementi kkontestati tas-sentenza appellata kif ukoll l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku t-talba għall-annullament ta' din is-sentenza.

53 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jitqies li l-ewwel aggravju huwa inammissibbli.

b) Fuq il-mertu

54 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, fil-punti 90 sa 114 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-fondatezza tal-ilment ta' UG, ibbażat, essenzjalment, fuq il-fatt li, billi pproċediet għat-tkeċċija tagħha matul il-perijodu tal-leave parentali tagħha, il-Kummissjoni kisret l-Artikolu 42a tar-Regolamenti tal-Persunal, moqri fid-dawl tar-rekwiżiti minimi li jinsabu fil-klawżola 5(4) tal-Ftehim Qafas.

55 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punti 97 sa 112 ta' din is-sentenza, li l-Artikolu 42a tar-Regolamenti tal-Persunal ma jipprojbixxix lill-awtorità kompetenti milli tadotta deċiżjoni dwar it-tkeċċija ta' uffiċjal jew ix-xoljiment tal-kuntratt ta' membru tal-persunal bil-kuntratt jew ta' membru tal-persunal temporanju, minkejja li dan il-membru tal-persunal jinsab, fid-data ta' din id-deċiżjoni, fuq leave parentali u li bħala prinċipju, kellu jirritorna għal dan l-impjieg jew għal dawn il-funzjonijiet fl-aħħar ta' dan il-leave.

56 F'dak li jirrigwarda l-klawżola 5(4) tal-Ftehim Qafas, li għaliha tagħmel riferiment UG, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 111 tas-sentenza appellata, li, sabiex jiġi żgurat li l-ħaddiema jkunu jistgħu effettivament jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal-leave parentali, din il-klawżola timponi li jittieħdu l-miżuri neċessarji sabiex il-ħaddiema jiġu protetti minn trattament inqas favorevoli jew tkeċċija abbażi tal-applikazzjoni jew tat-teħid ta' leave parentali. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq is-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Lyreco Belgium (C-588/12, EU:C:2014:99, punt 34).

57 Għaldaqstant, fil-punt 112 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-imsemmija klawżola la għandha l-għan u lanqas l-effett li tipprojbixxi lil persuna li timpjega milli tiddeċiedi dwar it-tkeċċija ta' ħaddiem, minkejja li fid-data ta' din id-deċiżjoni, dan kien qed jibbenefika minn leave parentali, sakemm din it-tkeċċija ma tkunx immotivata mill-applikazzjoni għal jew mit-teħid tal-imsemmi leave u tosserva l-kundizzjonijiet l-oħra previsti mil-liġi jew mir-regoli applikabbli.

58 Fir-rigward tal-Artikolu 47 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg, kif jirriżulta mill-punt 101 tas-sentenza appellata, għandu jiġi rrilevat li dan l-artikolu ma jipprevedix riżerva jew deroga li huma marbuta mat-tqegħid tal-membru tal-persunal ikkonċernat fuq leave parentali.

59 Fil-punti 115 sa 146 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-ilment imressaq minn UG, ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kontenzjuża kisret l-Artikolu 42a tar-Regolamenti tal-Persunal, moqri fid-dawl tar-rekwiżiti minimi li jinsabu fil-klawżola 5(4) tal-Ftehim Qafas, minħabba l-applikazzjoni tagħha għal leave parentali.

60 Hekk kif jirriżulta mill-punt 122 tal-imsemmija sentenza, l-Artikolu 42a tar-Regolamenti tal-Persunal, moqri fid-dawl tar-rekwiżiti minimi li jinsabu f'din il-klawżola 5(4) , jipprojbixxu li l-awtorità kompetenti tkeċċi minħabba inkompetenza professjonali uffiċjal jew membru tal-persunal minħabba l-applikazzjoni għal leave parentali, b'mod partikolari għal raġunijiet li jirrigwardaw id-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-perijodu ta' dan il-leave jew tat-tul ta' dan il-leave mitlub f'din l-applikazzjoni.

61 Fil-punt 142 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, għalkemm l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ tista' tiċħad l-applikazzjoni għal leave parentali ppreżentata minn UG minħabba li d-dati previsti għat-tul ta' dan il-leave kienu inkompatibbli mal-ħtiġijiet tas-servizz, l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ ma setgħetx tinvoka d-dati tal-leave parentali mitluba bħala li jikkostitwixxu waħda mir-raġunijiet ta' tkeċċija minħabba inkompetenza professjonali, mingħajr ma tikser id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 42a tar-Regolamenti tal-Persunal, moqri fid-dawl tar-rekwiżiti minimi li jinsabu fil-klawżola 5(4) tal-Ftehim Qafas.

62 Wara li kkonstatat, għar-raġuni msemmija fil-punt preċedenti, l-illegalità tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punti 144 sa 146 tas-sentenza appellata, li, f'dan il-każ, il-konstatazzjoni globali tal-inkompetenza professjonali ta' UG kienet ibbażata fuq diversi raġunijiet, li kienu distinti mir-raġuni dwar id-dati li hija kienet għażlet fl-applikazzjoni tagħha għal leave parentali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-imsemmija illegalità ma tistax, waħedha, twassal għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża.

63 Għandu jiġi kkonstatat li, permezz tal-ewwel aggravju, UG ma werietx li l-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 53 sa 61 ta' din is-sentenza huma vvizzjati bi żbalji ta' liġi.

64 Fir-rigward tas-sentenza tas 27 ta' Frar 2014, Lyreco Belgium (C-588/12, EU:C:2014:99), li fuqha l-Qorti Ġenerali bbażat ir-raġunament tagħha, din ma tistax tiġi interpretata fis-sens li tipprojbixxi, b'mod assolut, it-tkeċċija ta' ħaddiem li jibbenefika minn leave parentali, iżda din għandha tinftiehem fis-sens li tipprevedi projbizzjoni li ssir tali tkeċċija mingħajr raġuni serja jew suffiċjenti. Din is-sentenza tipprojbixxi għalhekk it-tkeċċija minħabba l-applikazzjoni għal jew it-teħid ta' leave parentali.

65 Barra minn hekk, fis-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2013, Riežniece (C-7/12, EU:C:2013:410, punti 34 u 35), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, kif stabbilixxiet il-klawżola 2(4) tal-Ftehim Qafas dwar il-Leave tal-Ġenituri, konkluż fl-14 ta' Diċembru 1995, li jinsab fl-anness tad-Direttiva tal-Kunsill 96/34/KE tat-3 ta' Ġunju 1996 dwar il-ftehim qafas fuq il-leave tal-ġenituri konkluż mill-UNICE, CEEP u ta' ETUC (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 285), kif emendat bid-Direttiva tal-Kunsill 97/75/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 263), il-ħaddiema kellhom jiġu protetti kontra t-tkeċċija "minħabba" l-applikazzjoni jew it-teħid ta' leave parentali u li din il-klawżola ma kinitx tipprojbixxi lill-persuna li timpjega milli tkeċċi ħaddiem li ħa leave parentali meta din it-tkeċċija ma jkollhiex bħala raġuni l-applikazzjoni jew it-teħid ta' leave parentali.

66 Issa, f'dan il-każ, kif tfakkar fil-punt 62 ta' din is-sentenza, il-konstatazzjoni globali tal-inkompetenza professjonali ta' UG kienet ibbażata fuq diversi raġunijiet, li kienu distinti mir-raġuni dwar id-dati li hija kienet għażlet għat-teħid tal-leave parentali tagħha.

67 Fir-rigward tal-argument ta' UG, li jgħid li minn diversi elementi tal-proċess f'din il-kawża jirriżulta li l-leave parentali tagħha kien ir-raġuni reali għat-tkeċċija tagħha, fatt li l-Qorti Ġenerali naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, permezz ta' dan l-argument, UG titlob fir-realtà l-eżami mill-ġdid ta' argument ta' natura fattwali diġà mqajjem quddiem il-Qorti Ġenerali. Għaldaqstant, dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli, konformement mal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 51 ta' din is-sentenza.

68 Isegwi li l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment infondat u parzjalment inammissibbli.

B. Fuq it-tieni aggravju

1. L-argumenti tal-partijiet

69 Permezz tat-tieni aggravju, UG tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli ddeċidiet b'mod żbaljat, fil-punti 165 u 168 tas-sentenza appellata, li d-deċiżjoni kontenzjuża ma kinitx ibbażata biss fuq il-kwalità ta' UG bħala membru tal-Kumitat Ċentrali tal-Persunal fi Brussell u fil-Kumitat Lokali tal-Persunal tal-Lussemburgu, filwaqt li ammettiet li, fil-motivi ta' din id-deċiżjoni, l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ kienet tikkritika lil UG għan-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-interess tas-servizz waqt l-ippjanar tal-attivitajiet tagħha marbuta mal-mandat tagħha ta' rappreżentant tal-persunal matul is-snin 2014 u 2016.

70 F'dan ir-rigward, il-fatt li tiġi kkontestata tkeċċija biss fil-każ li tkun espressament ibbażata fuq il-kwalità ta' rappreżentant tal-persunal iwassal sabiex iċaħħad, minn naħa, mill-effettività tad-dispożizzjonijiet minimi previsti fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/14 u, min-naħa l-oħra, mill-effettività tal-protezzjoni tar-rappreżentanti tal-persunal kontra t-tkeċċija minħabba l-funzjonijiet sindakali tagħhom. Fil-fatt, huwa rari li l-persuna li timpjega, li tixtieq teħles minn rappreżentant tal-persunal, tammetti dan *expressis verbis* fil-motivi tad-deċiżjoni ta' tkeċċija tagħha.

71 Madankollu, f'dan il-każ, l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ semmiet espressament, diversi drabi, l-eżerċizzju minn UG ta' attivitajiet sindakali, peress li l-eżempji mogħtija f'dan ir-rigward minn UG jixhdu diskriminazzjoni kostanti li din kienet ġarrbet min-naħa tas-superjur ġerarkiku tagħha.

72 L-interpretazzjoni, adottata mill-Qorti Ġenerali fil-punti 173 *et seq* tas-sentenza appellata, li uffiċjal jew membru tal-persunal li jibbenefika minn kollokament sindakali sa 50 % tal-ħin tax-xogħol għandu, konformement mal-Artikolu 60 tar-Regolamenti tal-Persunal, jikseb awtorizzazzjoni minn qabel tas-superjur ġerarkiku tiegħu sabiex ikun assenti mis-servizz u jipparteċipa fil-laqgħat li għalihom huwa msejjaħ abbażi tal-mandat sindakali tiegħu jew tal-mandat tiegħu bħala rappreżentant tal-persunal, tmur kontra l-prinċipju ta' indipendenza sindakali kif ukoll kontra l-prinċipju tal-ekwivalenza tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet sindakali mal-impjieg. Barra minn hekk, din l-interpretazzjoni tikkostitwixxi diskriminazzjoni minħabba l-eżerċizzju tal-funzjonijiet sindakali, ipprojbita mill-Artikolu 14 tal-KEDB, moqri flimkien mal-Artikolu 11 tagħha.

73 Fil-fatt, dan iwassal sabiex l-eżerċizzju tal-funzjonijiet sindakali tar-rappreżentant tal-persunal ikun suġġett għall-interess tas-servizz kif evalwat mis-superjur ġerarkiku. Madankollu, huwa dan tal-aħħar li għandu jorganizza x-xogħol fi ħdan id-dipartiment tiegħu billi jieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li membru tat-tim tiegħu jokkupa funzjonijiet sindakali u għandu neċessarjament ikollu ż-żmien neċessarju għal dan l-għan.

74 UG iżżid li, sa fejn l-assenzi tagħha b'rabta mal-eżerċizzju tal-funzjonijiet sindakali tagħha kienu jinsabu fil-"calendar planning" tagħha, li kellu aċċess għalih is-superjur ġerarkiku tagħha, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta ddeċidiet, fil-punt 175 tas-sentenza appellata, li d-deċiżjoni kontenzjuża setgħet, mingħajr ma tikser ir-rekwiżiti minimi tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/14, tibbaża ruħha fuq il-motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza minn UG tal-obbligu li tinforma lis-superjuri tagħha fi żmien xieraq, qabel il-laqgħat sindakali, bil-parteċipazzjoni tagħha

fl-imsemmija laqgħat, peress li tali motiv huwa bbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza minn UG tal-kundizzjonijiet ta' organizzazzjoni tas-servizz neċessarji għall-eżerċizzju tal-mandat li hija kienet inkarigata bih.

75 Din l-interpretazzjoni adottata mill-Qorti Ġenerali tmur kontra, minn naħa, ir-rekwiżiti minimi previsti fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/14 u, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 12 tal-Karta.

76 Il-Kummissjoni tirribatti li, permezz tat-tieni aggravju tagħha, UG tikkontesta l-fatti kif stabbiliti mill-Qorti Ġenerali mingħajr madankollu ma tallega u lanqas ma turi żnaturament tal-fatti. Dan l-aggravju huwa għalhekk inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, infondat.

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

a) Fuq l-ammissibbiltà

77 Fir-rigward tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni fil-kuntest tat-tieni aggravju, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, permezz ta' dan l-aggravju, UG tikkritika, essenzjalment, lill-Qorti Ġenerali talli wettqet żbalji ta' liġi. F'dan ir-rigward, UG tindika diversi drabi l-elementi kkontestati tas-sentenza appellata kif ukoll l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku t-talba għall-annullament ta' din is-sentenza.

78 F'dawn iċ-ċirkustanzi, konformement mal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 51 ta' din is-sentenza, ma jistax jitqies li t-tieni aggravju huwa inammissibbli.

b) Fuq il-mertu

79 Fil-punt 164 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li la mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża u lanqas mill-atti tal-proċess ma jirriżulta li din id-deċiżjoni hija bbażata biss fuq il-kwalità ta' membru tal-Kumitati tal-Persunal ta' UG, indipendentement mill-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu ta' rappreżentanza tal-persunal jew, b'mod iktar wiesa', mill-attivitajiet sindakali tiegħu. Fil-punt 165 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali żiedet li mill-imsemmija deċiżjoni ma jirriżultax li l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ ikkunsidrat li l-mod kif l-appellanti eżerċitat, fid-data tal-adozzjoni tal-istess deċiżjoni, il-funzjonijiet tagħha ta' rappreżentanta tal-persunal, jew b'mod iktar wiesa', l-attivitajiet sindakali tagħha kienu jikkaratterizzaw aġir ta' natura li jiġġustifika x-xoljiment tal-kuntratt tagħha minħabba inkompetenza professjonali.

80 Fir-rigward ta' uffiċjal jew ta' membru tal-persunal li jibbenefika minn kollokament għal skopijiet sindakali sa' 50 % tal-ħin tax-xogħol, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 173 tas-sentenza appellata, li l-Artikolu 60 tar-Regolamenti tal-Persunal jobbliga lil tali uffiċjal jew membru tal-persunal jikseb awtorizzazzjoni minn qabel tas-superjur ġerarkiku tiegħu sabiex ikun assenti mis-servizz u jipparteċipa fil-laqgħat li għalihom huwa jissejjaħ skont il-mandat sindakali tiegħu jew skont il-mandat tiegħu ta' rappreżentant tal-persunal. Fil-fatt, dan l-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel ma huwiex suġġett għal deroga ħlief fil-każ ta' mard jew ta' inċident, u mhux fil-każ ta' parteċipazzjoni fir-rappreżentanza sindakali tal-persunal jew fil-laqgħat ta' korp rappreżentattiv.

81 Fil-punt 175 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li d-deċiżjoni kontenzjuża setgħet, mingħajr ma tikser ir-rekwiżiti minimi tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/14, tibbaża ruħha fuq il-motiv li jirrigwarda n-nuqqas ta' osservanza minn UG tal-obbligu li tinforma

lis-superjuri tagħha fi żmien xieraq, qabel il-laqgħat tal-Kumitati tal-Persunal li tagħhom hija kienet membru, dwar il-parteċipazzjoni tagħha fl-imsemmija laqgħat, peress li tali motiv ma huwiex ibbażat fuq l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha ta' rappreżentant tal-persunal, iżda fuq in-nuqqas ta' osservanza minn UG tal-kundizzjonijiet ta' organizzazzjoni tad-dipartiment neċessarji għall-eżerċizzju tal-mandat mogħti lilha.

82 Sa fejn, permezz tat-tieni aggravju tagħha, UG tikkontesta l-interpretazzjoni tal-Artikolu 60 tar-Regolamenti tal-Persunal adottata mill-Qorti Ġenerali, għandu jitfakkar li, skont l-ewwel sentenza ta' dan l-artikolu, ħlief fil-każ ta' mard jew ta' inċident, l-uffiċjal ma jistax ikun assenti mingħajr ma jkun ġie awtorizzat minn qabel mis-superjur ġerarkiku tiegħu.

83 Minn naħa, il-Qorti Ġenerali tirreferi, fir-raġunament tagħha, għal dan l-artikolu, li jikkonċerna r-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni tas-superjur ġerarkiku u mhux id-dmir ta' informazzjoni ta' dan tal-aħħar fir-rigward tal-attivitajiet li għandhom bħala konsegwenza l-assenza tal-uffiċjal. Min-naħa l-oħra, fil-punt 174 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tirreferi għall-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2011) 3588 final tas-27 ta' Mejju 2011 dwar ir-riżorsi umani u finanzjarji allokati lill-Kumitat tal-Persunal tal-Kummissjoni, li jipprovdi li kull assenza sabiex jitwettqu attivitajiet sindakali għandha tiġi kkomunikata minn qabel bil-miktub mill-persuna kkonċernata lis-superjuri tagħha fi żmien xieraq.

84 Sabiex jiġi eżaminat jekk is-soluzzjoni adottata fis-sentenza appellata hijiex konformi mad-dritt tal-Unjoni, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 24b tar-Regolamenti tal-Persunal, l-uffiċjali jgawdu mid-dritt ta' assoċjazzjoni u jistgħu b'mod partikolari jkunu membri ta' organizzazzjonijiet sindakali jew professjonali ta' uffiċjali Ewropej.

85 Barra minn hekk, kif jirriżulta mis-sitt paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Anness II tar-Regolamenti tal-Persunal, minn naħa, il-funzjonijiet imwettqa mill-membri tal-Kumitat tal-Persunal u mill-uffiċjali maħtura minn dan il-kumitat f'korp stabbilit mir-Regolamenti tal-Persunal jew mill-istituzzjoni huma kkunsidrati bħala li jagħmlu parti mis-servizzi li huma obbligati jiżguraw fl-istituzzjoni tagħhom u, min-naħa l-oħra, il-persuna kkonċernata ma tistax issostni dannu minħabba l-eżerċizzju ta' dawn il-funzjonijiet.

86 F'dan il-każ, il-motiv tat-tkeċċija ta' UG adottata fid-deċiżjoni kontenzjuża ma kinitx ibbażata fuq il-projbizzjoni, għal din tal-aħħar, li tipparteċipa fil-laqgħat tal-Kumitati tal-Persunal, li tagħhom hija kienet membru, li seta' jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tagħha previsti mir-Regolamenti tal-Persunal. Dan il-motiv, kif ikkonfermat mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata, kien jikkonċerna l-obbligu, miksur minn UG, li tinforma lis-superjuri tagħha fi żmien xieraq, qabel l-imsemmija laqgħat, dwar il-parteċipazzjoni tagħha fihom.

87 Issa, dan l-obbligu ma jqiegħedx inkwistjoni l-parti essenzjali tad-drittijiet tal-uffiċjali u tal-membri tal-persunal previsti minn dawn ir-Regolamenti tal-Persunal.

88 Peress li l-argumenti ta' UG imqajma fil-kuntest tat-tieni aggravju ma humiex iġġustifikati, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

C. Fuq it-tielet aggravju

1. L-argumenti tal-partijiet

89 It-tielet aggravju, ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, jinqasam, essenzjalment, f'ħames partijiet.

90 Permezz tal-ewwel parti, UG tallega, minn naħa, li, billi ddeċidiet, fil-punti 187 sa 190 tas-sentenza appellata, li, fir-rigward tax-xoljiment ta' kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju jew bil-kuntratt għal żmien indeterminat, l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa u li żball jista' jiġi kklassifikat bħala "manifest" biss meta dan jista' jiġi identifikat b'mod evidenti, il-Qorti Ġenerali ppreġudikat l-effettività tad-dritt ta' aċċess għall-ġustizzja.

91 Minn din l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali jirriżulta li l-preżunzjoni ta' legalità marbuta mal-atti tal-Kummissjoni hija inkonfutabbli, minkejja r-rekwiżit ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet.

92 UG tikkritika wkoll lill-Qorti Ġenerali li ma laqgħatx it-talba tagħha li tadotta l-miżuri istruttorji neċessarji.

93 Hija tippreżenta, f'dan ir-rigward, elementi fattwali li jsostnu, fil-fehma tagħha, il-konklużjoni li d-deċiżjoni kontenzjuża kienet immotivata mit-teħid tal-leave parentali tagħha u mill-eżerċizzju tal-funzjonijiet sindakali tagħha.

94 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-tul tat-trattament mill-Qorti Ġenerali ta' din il-kawża, UG tosserva li għaddiet sena bejn it-tmiem tal-fażi bil-miktub jew tal-fażi orali tal-proċedura u l-għoti tas-sentenza appellata, mingħajr ma ġiet adottata ebda miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura matul din il-proċedura. It-tul totali tal-proċeduri kollha inkwistjoni huwa ta' iktar minn sitt snin, li jikkostitwixxi ksur tad-dritt għal smigħ minn qorti f'terminu raġonevoli, stabbilit mill-KEDB u mill-Karta, kif ukoll tad-drittijiet tad-difiża.

95 Għaldaqstant, UG tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tislet il-konsegwenzi ta' dan il-ksur, b'mod partikolari billi taqleb l-oneru tal-prova tan-natura illegali tad-deċiżjoni kontenzjuża.

96 Fil-kuntest tat-tieni parti tat-tielet aggravju, UG issostni li d-dritt għal smigħ tagħha, previst fl-Artikolu 51(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, ġie miksur.

97 F'dan il-każ, UG kellha biss tmint ijiem sabiex tibgħat l-osservazzjonijiet tagħha lill-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni kontenzjuża, u dan ma ppermettix li jiġu ggarantiti d-drittijiet tad-difiża tagħha.

98 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali adottat, fil-punti 68 sa 70 tas-sentenza appellata, approċċ purament formali tad-dritt għal smigħ billi ma teħtieġx li l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ tinvestiga l-fajl b'mod serju.

99 Barra minn hekk, UG tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli "qalbet" l-oneru tal-prova meta ddeċidiet li hija UG li kellha tipproduċi provi supplimentari, mingħajr ma ġiet mistiedna tagħmel dan mill-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ. Issa, fid-dawl tan-natura

ddettaljata tal-ittra tat-30 ta' Settembru 2016, imsemmija fil-punt 20 ta' din is-sentenza, UG tikkunsidra li hija l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ li għandha tfittex id-dokumenti ta' sostenn rilevanti.

100 Permezz tat-tielet parti tat-tielet aggravju, UG issostni li, fil-punt 36 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali adottat interpretazzjoni restrittiva wisq tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja meta ddeċidiet li ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea tispeċifika l-punti kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti, sa fejn il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi evalwata fid-dawl mhux biss tal-formulazzjoni tiegħu, iżda wkoll tal-kuntest tiegħu kif ukoll tar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat.

101 Fil-fatt, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżultax li dawn l-istituzzjonijiet ma humiex obbligati jispeċifikaw il-punti ta' fatt jew ta' liġi rilevanti fil-motivazzjoni tal-atti tagħhom, iżda biss li r-rekwiżit ta' preċiżjoni għandu jiġi fformulat skont in-natura tal-att ikkontestat.

102 Issa, fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma ddeterminatx il-livell ta' preċiżjoni meħtieġ fir-rigward tal-motivazzjoni ta' deċiżjoni ta' tkeċċija, fid-dawl tan-natura ta' dan l-att, tal-impatt tiegħu fuq is-sitwazzjoni professjonali tad-destinatarju kif ukoll tal-kapaċità ta' dan tal-aħħar li jikkontesta l-motivi tat-tkeċċija.

103 Il-Kummissjoni ma tistax tippreżenta raġunijiet vagi u mhux iddettaljati insostenn tad-deċiżjoni ta' tkeċċija tagħha, fid-dawl tad-dritt għal rimedju effettiv kif ukoll tal-protezzjoni kontra t-tkeċċijiet mhux iġġustifikati prevista fl-Artikolu 30 tal-Karta, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tagħha.

104 F'dan ir-rigward, UG issostni li, fid-deċiżjoni kontenzjuża, l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ kienet ikkuntentat ruħha li ssemmi numru kbir ħafna ta' akkużi fformulati b'mod vag, li ma kinux sostnuti minn elementi fattwali preċiżi u konkreti.

105 Għalhekk, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta ddeċidiet, fil-punt 39 tas-sentenza appellata, li l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ kienet irreferiet għal madwar għoxrin ċirkustanza ddettaljata fl-ittra tat-8 ta' Settembru 2016, li kienu relatati mal-aġir ta' UG matul is-snin 2013 sa 2016.

106 Fil-fatt, minn din l-ittra ma jirriżulta ebda eżempju konkret tal-aġir ta' UG u l-ebda data ta' tali aġir.

107 Fil-kuntest tar-raba' parti tat-tielet aggravju, UG jirreferi għall-punt 241 tas-sentenza appellata, li minnu jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni sa fejn dan kien jikkonċerna t-trażmissjoni tardiva ta' ċertifikati mediċi għall-assenzi tas-7 ta' Mejju u tas-16 ta' Ġunju 2014 kif ukoll allegata assenza mhux iġġustifikata tat-18 ta' Ġunju 2014.

108 Issa, skont UG, sabiex jiġi vverifikat jekk id-drittijiet tad-difiża tagħha kinux ġew irrispettati, hija l-Qorti Ġenerali li għandha teżamina jekk il-Kummissjoni setgħetx validament tinvoka t-trażmissjoni tardiva ta' ċertifikati mediċi kif ukoll assenzi mhux iġġustifikati iktar minn sentejn wara li seħħew, u dan iktar u iktar peress li dawn l-avvenimenti ma kinux imsemmija fir-rapport ta' evalwazzjoni ta' UG stabbilit għas-sena 2014.

109 Fir-rigward tat-tardività tat-trażmissjoni minn UG taċ-ċertifikati mediċi, UG issostni li kienet il-Kummissjoni li kellha tippreċiża dan il-motiv. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qalbet, fil-punti 246 u 253 tas-sentenza appellata, l-oneru tal-prova billi qiegħdet lil UG f'sitwazzjoni fejn il-prova mitluba tkun kważi impossibbli jew estremament diffiċli li tiġi prodotta.

110 Permezz tal-ħames parti tat-tielet aggravju, UG tallega li, billi ddikjaratha, fil-punt 265 tas-sentenza appellata, prekluża milli tikkontesta r-rapport ta' evalwazzjoni 2015, il-Qorti Ġenerali kisret id-dritt tagħha għal smigħ xieraq.

111 Sa fejn ir-rapport ta' evalwazzjoni stabbilit għas-sena 2014 u r-rapport ta' evalwazzjoni 2015 ikkonkludew li r-rendiment professjonali ta' UG huwa sodisfaċenti, hija ma setgħetx tistenna li dawn ir-rapporti jiġu invokati mill-Kummissjoni sabiex tiġġustifika t-tkeċċija tagħha.

112 Fir-rigward tar-rapport ta' evalwazzjoni stabbilit għas-sena 2016, UG tirrileva li l-proċedura ta' tkeċċija inkwistjoni nbdiet saħansitra qabel ma skada t-terminu għall-preżentata ta' rikors fir-rigward ta' dan ir-rapport.

113 UG tikkontesta wkoll il-punt 273 tas-sentenza appellata li jsemmi n-nuqqas ta' involviment tagħha fil-gruppi ta' ħidma li hija kienet membru tagħhom.

114 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kisret id-dritt ta' UG għal smigħ xieraq billi pproċediet, fil-punti 278 sa 286 tas-sentenza appellata, sabiex taqleb b'mod inkonfutabbli l-oneru tal-prova fir-rigward tal-preparazzjoni tal-ġurnal taċ-ċentru polivalenti tat-tfal.

115 F'dan ir-rigward, UG kienet f'pożizzjoni li tipproduċi l-prova li l-imsemmi ġurnal intbagħat fit-22 ta' Jannar 2016, peress li l-posta elettronika li tikkonċernah waslet għand id-destinatarju biss fit-18 ta' Lulju 2016 minħabba problema informatika.

116 Fir-rigward tal-motiv ta' tkeċċija bbażat fuq in-nuqqas ta' trażmissjoni minn UG tat-tabella ta' azzjonijiet edukattivi, hija ssostni li, fil-mument tat-talba għat-trażmissjoni tal-imsemmija tabella, is-superjur ġerarkiku tagħha kien jaf bl-intenzjoni ta' UG li tieħu leave parentali għall-perijodu mix-xahar ta' Lulju sax-xahar ta' Settembru 2016. Għaldaqstant, din it-talba saret biss sabiex tagħmel ħsara lil UG.

117 Il-Kummissjoni tqis li t-tielet aggravju huwa inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, infondat.

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

a) Fuq l-ammissibbiltà

118 Fir-rigward tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni fil-kuntest tat-tielet aggravju, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, permezz ta' dan l-aggravju, UG tikkritika lill-Qorti Ġenerali, essenzjalment, b'mod partikolari li wettqet żbalji ta' liġi. F'dan ir-rigward, UG tindika diversi drabi l-elementi kkontestati tas-sentenza appellata kif ukoll l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku t-talba għall-annullament ta' din is-sentenza.

119 F'dawn iċ-ċirkustanzi, konformement mal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 51 ta' din is-sentenza, għandu jitqies li t-tielet aggravju huwa ammissibbli.

b) Fuq il-mertu

1) Fuq l-ewwel parti

120 Għandu jitfakkar li, fil-punt 187 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, fir-rigward tax-xoljiment ta' kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju jew ta' membru tal-persunal bil-kuntratt għal żmien indeterminat, l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ għandha, konformement mal-Artikolu 47(c)(1) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg u fl-osservanza tal-avviż tat-temm ta' impjieg previst fil-kuntratt, setgħa diskrezzjonali wiesgħa u l-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni għandu, għalhekk, ikun limitat għall-verifikazzjoni tal-assenza ta' żball manifest jew ta' użu ħażin ta' poter.

121 Fil-fatt, billi bbażat ruħha fuq is-sentenza tad-19 ta' Lulju 1955, Kergall vs L-Assemblea Komuni (1/55, EU:C:1955:9, p. 23), il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 188 tas-sentenza appellata, li l-evalwazzjoni tal-kompetenza professjonali tal-uffiċjali u tal-membri tal-persunal tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni taqa' primarjament taħt ir-responsabbiltà tal-imsemmija istituzzjonijiet.

122 Fil-punt 189 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li, f'dan il-kuntest, żball jista' biss jiġi kklassifikat bħala "manifest" meta dan ikun jista' jintwera b'mod evidenti, fid-dawl tal-kriterji li għalihom il-leġiżlatur ried jissuġġetta l-eżerċizzju mill-amministrazzjoni tas-setgħa diskrezzjonali tagħha. Għalhekk, il-motiv ibbażat fuq żball manifest għandu jiġi miċħud jekk, minkejja l-provi ppreżentati mill-appellanti, l-evalwazzjoni kkontestata tista' xorta tiġi ammessa bħala ġustifikata u koerenti

123 Fil-punt 190 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali żiedet, billi għamlet riferiment għas-sentenza tal-10 ta' Settembru 2019, HTTS vs Il-Kunsill (C-123/18 P, EU:C:2019:694, punt 100 u l-ġurisprudenza ċċitata), li l-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jgawdu, bħala prinċipju, minn preżunzjoni ta' legalità u jipproduċu, għalhekk, effetti legali sakemm ma jiġux irtirati, annullati fil-kuntest ta' rikors għal annullament jew iddikjarati invalidi wara rinviju għal deċiżjoni preliminari jew eċċezzjoni ta' illegalità.

124 F'dan ir-rigward, minn naħa, kif tfakkar fil-punti 61 u 62 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fis-sentenza appellata, l-illegalità tad-deċiżjoni kontenzjuża minħabba li l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ ma setgħetx tinvoka d-dati tal-leave parentali mitluba bħala li jikkostitwixxu waħda mir-raġunijiet ta' tkeċċija minħabba inkompetenza professjonali, filwaqt li kkunsidrat li l-konstatazzjoni globali tal-inkompetenza professjonali tagħha kienet ibbażata fuq diversi motivi, li kienu distinti mill-imsemmi motiv. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-imsemmija illegalità ma tistax, waħedha, twassal għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża.

125 Min-naħa l-oħra, għalkemm, fil-punti 218, 340 u 350 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li d-deċiżjoni kontenzjuża kienet ivvizzjata b'diversi żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, hija madankollu qieset, fil-punti 360 u 361 tal-imsemmija sentenza, li din id-deċiżjoni tinkludi diversi motivi li l-illegalità tagħhom ma hijiex ipprovata u li huma suffiċjentement importanti sabiex isostnu l-konstatazzjoni globali tal-inkompetenza professjonali mwettqa mill-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ.

126 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li l-argument ta' UG ibbażat fuq il-fatt li, essenzjalment, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ kellha marġni ta' diskrezzjoni wiesa', minn naħa, huwa bbażat fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata peress li l-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet l-eżistenza ta' żbalji manifesti ta' evalwazzjoni mwettqa fl-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża u, min-naħa l-oħra, ma jistax jikkontesta r-raġunament tal-Qorti Ġenerali sa fejn UG ma turix l-eżistenza ta' żbalji manifesti ta' evalwazzjoni oħra li bihom hija vvizzjata din id-deċiżjoni u li kellhom iwasslu għall-annullament tagħha.

127 Fir-rigward tal-fatt li UG tikkritika lill-Qorti Ġenerali li ma laqgħatx it-talba tagħha li tadotta l-miżuri istruttorji neċessarji, għandu jitfakkar li, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, fir-rigward tal-evalwazzjoni, mill-qorti tal-ewwel istanza, ta' talbiet għal miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura jew għal miżuri istruttorji mressqa minn parti f'tilwima, il-Qorti Ġenerali biss tista' tiddeċiedi dwar in-neċessità eventwali li tiġi kkompletata l-informazzjoni li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha dwar il-kawżi quddiemha. Għaldaqstant, hija biss il-Qorti Ġenerali li għandha tevalwa r-rilevanza ta' talba għal miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura fir-rigward tas-suġġett tat-tilwima u tan-neċessità li din issir (sentenza tat-12 ta' Novembru 2020, Fleig vs SEAE, C-446/19 P, EU:C:2020:918, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

128 Fil-fatt, in-natura probatorja jew le tal-atti proċedurali taqa' taħt l-evalwazzjoni sovrana tagħha tal-fatti, li ma hijiex suġġetta għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell, ħlief fil-każ ta' żnaturament tal-provi prodotti quddiem il-Qorti Ġenerali jew meta l-ineżattezza materjali tal-konstatazzjonijiet magħmula minn din tal-aħħar tirriżulta mid-dokumenti inklużi fil-proċess (sentenza tat-12 ta' Novembru 2020, Fleig vs SEAE, C-446/19 P, EU:C:2020:918, punt 54).

129 F'dan il-każ, sa fejn il-Qorti Ġenerali rreferiet, fis-sentenza appellata, għal diversi elementi tal-proċess li kellha quddiemha, u sa fejn UG ma tippreċiżax, fil-kuntest tal-ewwel parti tat-tielet aggravju, kif il-Qorti Ġenerali wettqet żnaturament fir-rigward ta' dawn il-provi jew ir-raġunijiet li għalihom il-konstatazzjonijiet magħmula minnha huma materjalment ineżatti, dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

130 Fir-rigward tat-tul tal-proċedura quddiem il-qorti tal-Unjoni, għandu jitfakkar li, għalkemm in-nuqqas ta' osservanza tat-terminu raġonevoli għall-għoti ta' deċiżjoni jista' jagħti lok għal talba għad-danni permezz ta' rikors ippreżentat mill-appellanti kontra l-Unjoni skont id-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 268 u tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, dan ma jistax madankollu jwassal għall-annullament tas-sentenza appellata fl-assenza ta' indizju li t-tul tal-proċedura kien ikollu effett fuq is-soluzzjoni tat-tilwima (digriet tad-29 ta' Settembru 2022, CX vs Il-Kummissjoni, C-71/22 P, EU:C:2022:745, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).

131 Konsegwentement, fl-assenza ta' kull indizju ta' natura li jistabbilixxi li t-tul tal-proċedura kellu effett fuq is-soluzzjoni tat-tilwima inkwistjoni, l-ilment ibbażat fuq il-ksur tat-terminu raġonevoli għall-għoti ta' deċiżjoni ma jistax iwassal għall-annullament tas-sentenza appellata u għandu, għaldaqstant, jiġi miċħud bħala inammissibbli.

132 Għaldaqstant, l-ewwel parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala, parzjalment infondata, u parzjalment inammissibbli.

2) Fuq it-tieni parti

133 Fil-punt 68 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, ċertament, it-terminu ta' tmint ijiem ta' xogħol mogħti lil UG sabiex tippreżenta osservazzjonijiet dwar l-ittra tat-8 ta' Settembru 2016 seta' jidher qasir fid-dawl tal-gravità tal-konsegwenzi li x-xoljiment tal-kuntratt tagħha kien jinvolvi fuq is-sitwazzjoni personali tagħha. Madankollu, il-Qorti Ġenerali rrilevat li UG kienet esprimiet ruħha dwar il-motivi tad-deċiżjoni kontenzjuża u li l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ kienet ħadet inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet tagħha, kif turi l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża.

134 Fil-punt 69 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fakkret li, għalkemm ir-rispett tad-dritt għal smigħ jeżiġi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jippermettu lill-persuna kkonċernata minn att li jikkawżalha preġudizzju li tesprimi b'mod utli l-opinjoni tagħha, l-imsemmija istituzzjonijiet ma jistgħux madankollu jiġu obbligati jaderixxu magħha.

135 Fil-punt 70 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali żiedet li UG tilmenta mill-fatt li l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ ma talbithiex, wara li rċeviet l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha tat-30 ta' Settembru 2016, tipproduċi dokumenti addizzjonali. Din il-qorti kkonstatat li, minn naħa, UG setgħet tipproduċi tali dokumenti bejn it-30 ta' Settembru u s-17 ta' Ottubru 2016, data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, u, min-naħa l-oħra, li UG la kienet tindika n-natura u lanqas is-suġġett ta' dawn id-dokumenti addizzjonali li l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ ma kinitx taf bihom, b'tali mod li ma huwiex stabbilit li l-produzzjoni tal-imsemmija dokumenti setgħet teżerċita influwenza deċiżiva fuq is-sens tad-deċiżjoni kontenzjuża.

136 Fil-punt 71 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li UG kien tqiegħdet f'pożizzjoni li fiha tista' ssostni b'mod utli l-opinjoni tagħha dwar ir-realtà u r-rilevanza tal-fatti u taċ-ċirkustanzi li abbażi tagħhom l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ adottat l-imsemmija deċiżjoni.

137 Issa, minn naħa, l-ilment ibbażat fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża ma huwiex sostnut minn argument ta' natura li juri li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u, min-naħa l-oħra, ma jidhirx li l-konklużjoni esposta mill-Qorti Ġenerali fil-punt 71 tas-sentenza appellata tikkostitwixxi żnaturament tal-elementi fattwali eżaminati minnha (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2022, KN vs KESE, C-673/21 P, EU:C:2022:759, punt 103).

138 Konsegwentement, it-tieni parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

3) Fuq it-tielet parti

139 Fil-punt 36 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fakkret li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-motivazzjoni tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, meħtieġa wkoll mill-Artikolu 296 TFUE u mill-Artikolu 41(2)(c) tal-Karta, għandha tiġi adattata skont in-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi, b'mod ċar u inekwivoku, ir-raġunament tal-istituzzjoni, awtriċi tal-att, b'mod li l-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jsiru jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura adottata u l-qorti kompetenti tkun tista' twettaq l-istħarriġ tagħha. Ir-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jiġi evalwat skont iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, b'mod partikolari l-kontenut tal-att, in-natura tal-aggravji invokati u l-interess li d-destinatarji tal-att jew persuni oħra kkonċernati direttament u individwalment minn dan l-att jista' jkollhom li jirċievu spjegazzjonijiet. Ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-punti kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti, sa fejn

il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi evalwata mhux biss fid-dawl tal-kliem tiegħu, iżda wkoll tal-kuntest tiegħu kif ukoll tar-regoli legali kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs Di Bernardo, C-114/19 P, EU:C:2020:457, punti 29 u 51 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

140 Wara li eżaminat, fil-punti 38 sa 47 tas-sentenza appellata, l-elementi fattwali differenti meħuda inkunsiderazzjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża kif ukoll ir-raġunament adottat fiha, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 48 tal-imsemmija sentenza, li l-imsemmija deċiżjoni, li ttieħdet f'kuntest magħruf minn UG, esponiet kemm il-kunsiderazzjonijiet legali kif ukoll numru suffiċjenti ta' fatti li kellhom importanza essenzjali fl-istruttura ta' din id-deċiżjoni u li kienu jpoġġu lil UG f'pożizzjoni li tevalwa l-fondatezza u l-legalità tagħha.

141 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, kuntrarjament għal dak li tallega UG, il-Qorti Ġenerali ppreżentat b'mod korrett ir-rekwiżiti, kif stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari dawk imsemmija fil-punt 139 ta' din is-sentenza, dwar il-motivazzjoni tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

142 Għaldaqstant, l-argument ta' UG dwar il-livell ta' preċiżjoni tal-motivazzjoni tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandu jiġi miċħud bħala infondat.

143 Fir-rigward tal-argumenti ta' UG invokati fil-kuntest tat-tielet parti tat-tielet aggravju, li jirrigwardaw l-eżami tal-mertu tal-motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, permezz tagħhom, UG titlob, fir-realtà, lill-Qorti tal-Ġustizzja teżamina mill-ġdid l-evalwazzjoni fattwali mwettqa mill-Qorti Ġenerali u għandhom, bħala tali, jiġu miċħuda bħala inammissibbli.

144 Għaldaqstant, it-tielet parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment infondata u parzjalment inammissibbli.

4) Fuq ir-raba' parti

145 Ir-raba' parti tat-tielet aggravju tirrigwarda l-eżami, mill-Qorti Ġenerali, tal-motiv tad-deċiżjoni kontenzjuża dwar l-assenzi allegatament irregolari ta' UG.

146 Fil-punt 240 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, għalkemm UG issostni li hija dejjem ipprovdiet ċertifikat mediku fil-każ ta' assenza minħabba raġunijiet ta' saħħa, hija ma tindikax il-kawża tal-assenza tagħha mis-servizz fit-18 ta' Ġunju 2014 u ma tirreferi għal ebda dokument ippreżentat fil-proċedura li jista' jiġġustifika din l-assenza.

147 Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 241 tal-imsemmija sentenza, li l-argument ta' UG ma jistax jikkontesta d-deċiżjoni li tikkonstata l-assenza irregolari tagħha tat-18 ta' Ġunju 2014, b'tali mod li l-ilment espost fir-rikors, sa fejn huwa dirett kontra l-motiv li jinsab fil-paġna 2(d) tal-ittra tat-8 ta' Settembru 2016, għandu jiġi miċħud bħala infondat.

148 Fir-rigward tal-punti 246 u 253 tas-sentenza appellata, li għalihom UG tagħmel riferiment fl-appell tagħha, huwa biżżejjed li jitfakkar li, fil-punt 244 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li UG ma kinitx ressqet ilment, konformement mal-Artikolu 91(2)

tar-Regolamenti tal-Persunal, kontra d-deċiżjoni tal-1 ta' Ġunju 2016 li permezz tagħha l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ qieset li l-assenzi tagħha tat-30 u tal-31 ta' Mejju 2016 ma kinux iġġustifikati.

149 Fil-punt 245 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali żżid li UG ma tinvokax fatt ġdid u sostanzjali li jiġġustifika eżami mill-ġdid tal-legalità ta' din id-deċiżjoni.

150 Għalhekk, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 246 tas-sentenza appellata, li l-argument ta' UG intiż sabiex jikkontesta b'mod inċidentali l-imsemmija deċiżjoni kien inammissibbli sa fejn kien intiż li jikkontesta att li sar definittiv.

151 Fir-rigward tal-punt 253 tas-sentenza appellata, li jirrigwarda l-motiv tad-deċiżjoni kontenzjuża bbażat fuq l-assenzi allegatament mhux iġġustifikati tas-7 ta' Mejju u tas-16 ta' Ġunju 2014, għandu jitfakkar li, f'dan il-punt, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li UG la tistabbilixxi u lanqas tallega li pprovdiet ċ-ċertifikati neċessarji għar-regolarizzazzjoni tas-sitwazzjoni amministrattiva tagħha fi żmien qasir fid-dawl tal-iskadenza mogħtija lilha.

152 Issa, permezz tal-argumenti tagħha mqajma fil-kuntest tar-raba' parti tat-tielet aggravju, UG tfittex, fir-realtà, li tikseb l-eżami mill-ġdid mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-evalwazzjonijiet imwettqa mill-Qorti Ġenerali fil-kuntest tal-punti msemmija fil-punti 146 sa 151 ta' din is-sentenza.

153 Minn dan isegwi li din il-parti għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

5) Fuq il-ħames parti

154 Fil-kuntest tal-eżami tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 263 tas-sentenza appellata, li, permezz tal-argument tagħha żviluppat fil-kuntest tat-tieni sal-ħames ilment tat-tielet parti tar-raba' motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u fuq żbalji ta' fatt li jivvizzjaw il-motiv dwar l-involviment tal-appellanti fix-xogħol tagħha, kif espost quddiem il-Qorti Ġenerali, UG kienet qed tfittex li tikkontesta l-kontenut tal-evalwazzjoni kwalitattiva dwar l-effikaċja tal-appellanti, li jikkorrispondi għall-punt 3.1 tar-rapport ta' evalwazzjoni 2015, u, għaldaqstant, tar-rapport ta' evalwazzjoni 2015.

155 Fil-punt 264 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali madankollu kkonstatat li UG kienet ġiet informata bir-rapport ta' evalwazzjoni 2015 u li hija ma kinitx ikkontestat dan ir-rapport fit-termini previsti fl-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal, b'tali mod li kemm l-imsemmi rapport kif ukoll l-evalwazzjonijiet li jinsabu fih saru definittivi.

156 Fil-punt 265 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali żiedet li UG ma tinvokax l-eżistenza ta' element ġdid u sostanzjali sabiex jiġi stabbilit li hija ma kinitx prekluża milli tikkontesta r-rapport ta' evalwazzjoni 2015.

157 Fil-punt 266 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, UG ma setgħetx tikkontesta r-rapport ta' evalwazzjoni 2015 b'mod inċidentali fil-kuntest tar-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni kontenzjuża, li fir-rigward tagħha dan ir-rapport kellu rwol preparatorju.

158 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali ġustament iddeċidiet li r-rapport ta' evalwazzjoni 2015 sar definittiv fin-nuqqas ta' rikors ippreżentat fit-termini previsti fl-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal u li għalhekk UG ma hijiex fondata li ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret ir-regoli proċedurali u żnaturat il-proċess tal-kawża billi kkonstatat li dan ir-rapport ma setax jiġi kkontestat b'mod inċidentali fl-okkażjoni tar-rikors li kienet adita bih (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2021, WD vs EFSA, C-167/20 P, EU:C:2021:516, punti 39 u 40).

159 Fir-rigward tal-punti 278 sa 286 tas-sentenza appellata, li fir-rigward tagħhom UG tikkritika il-qlib b'mod inkonfutabbli tal-oneru tal-prova, huwa biżżejjed li jitfakkar li, f'dawn il-punti, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-punti ta' fatt imressqa minn UG fir-rikors tagħha u li permezz tagħhom hija kkontestat l-evalwazzjonijiet fattwali magħmula mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża.

160 Fil-punti 286 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li UG ma pproduċietx provi li jistgħu jikkontestaw dawk prodotti mill-Kummissjoni, li kien biss fit-18 ta' Lulju 2016 li hija bagħtet lill-membri tal-grupp ta' ħidma "Ġurnal taċ-CPE" l-abbozz tal-ġurnal tal-Milied 2015, għall-konferma tiegħu.

161 Issa, l-argument ta' UG żviluppat f'dan ir-rigward fil-kuntest tal-ħames parti tat-tielet aggravju jikkostitwixxi, fir-realtà, kontestazzjoni tal-evalwazzjonijiet fattwali magħmula mill-Qorti Ġenerali u għandu, bħala tali, jiġi miċħud bħala inammissibbli.

162 L-istess jgħodd fir-rigward tal-argumenti l-oħra mressqa minn UG fil-kuntest tal-imsemmija parti tat-tielet aggravju.

163 Għaldaqstant, il-ħames parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment infondata u parzjalment inammissibbli u, konsegwentement, it-tielet aggravju fl-intier tiegħu.

D. Fuq ir-raba' aggravju

1. L-argumenti tal-partijiet

164 Permezz tar-raba' aggravju tagħha, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, UG issostni, essenzjalment, li, għall-finijiet tal-eżami tan-natura proporzjonali tat-tkeċċija tagħha, il-Qorti Ġenerali kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li din it-tkeċċija kienet immotivata mil-leave parentali ta' UG, li din kienet tokkupa funzjonijiet sindakali u li hija ma kienet suġġetta għal ebda sanzjoni, peress li n-nuqqasijiet professjonali invokati fid-deċiżjoni kontenzjuża kienu minuri.

165 Il-Kummissjoni tikkunsidra li r-raba' aggravju għandu jiġi miċħud bħala manifestament infondat. Din l-istituzzjoni żżid li dan l-aggravju huwa wkoll inammissibbli sa fejn huwa intiż sabiex tinkiseb sempliċi evalwazzjoni mill-ġdid tal-argumenti diġà ppreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali.

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

166 Għandu jitfakkar li, fil-punti 351 sa 381 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat id-deċiżjoni kontenzjuża u kkonkludiet li, billi adottatha, il-Kummissjoni ma kinitx wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni.

167 B'dan ikkonstatat, il-Qorti Ġenerali, fil-punti 385 u 386 tal-imsemmija sentenza, iddeċidiet li, sa fejn id-deċiżjoni kontenzjuża ma kienet ivvizzjata b'ebda żball manifest ta' evalwazzjoni, din kellha d-dritt li xxolji l-kuntratt għal żmien indeterminat ta' UG u li, għaldaqstant, ma kien seħħ ebda ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

168 Issa, fil-kuntest tar-raba' aggravju tagħha, UG ma tressaq ebda argument ta' natura li jikkontesta din l-evalwazzjoni ġuridika tal-Qorti Ġenerali.

169 F'dawn iċ-ċirkustanzi, dan l-ilment għandu jiġi miċħud bħala infondat.

E. Fuq it-talba għall-kumpens għad-dannu

1. L-argumenti tal-partijiet

170 UG issostni li hija kienet ikkonkludiet ftehim bonarju mal-Kummissjoni dwar il-kumpens għad-dannu materjali tagħha. Fil-każ li dan il-ftehim ma jibqax applikabbli minħabba s-sentenza fl-appell, UG titlob li s-somma ta' EUR 68 000 tingħatalha *ex æquo et bono*, bħala kumpens għal dan id-dannu.

171 Barra minn hekk, UG titlob li tingħatalha s-somma ta' EUR 40 000 bħala kumpens għad-dannu morali tagħha. Din is-somma hija xierqa fid-dawl tat-tbatija psikoloġika mġarrba minħabba t-tkeċċija tagħha, li hija illegali.

172 F'dan ir-rigward, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-prekarjetà u d-dejn eċċessiv ta' UG bħala konsegwenza tat-tkeċċija tagħha.

173 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' UG.

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

174 Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, insostenn tat-talbiet tagħha dwar il-kumpens għad-dannu materjali u morali tagħha, UG ma invokatx kapijiet ta' illegalità li huma differenti minn dawk li hija kienet esponiet insostenn tat-talbiet tagħha intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża. F'dawn iċ-ċirkustanzi u peress li t-talbiet għal annullament kienu ġew miċħuda bħala infondati, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li t-talbiet għal kumpens kellhom ukoll jiġu miċħuda.

175 F'dan ir-rigward, sa fejn l-aggravji kollha invokati insostenn tal-appell ġew miċħuda u fejn, konsegwentement, is-sentenza appellata ma ġietx annullata, l-argumenti ta' UG li permezz tagħhom din titlob il-kumpens għad-dannu subit għandhom ukoll jiġu miċħuda.

176 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li l-appell jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

177 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) ta' dawn ir-Regoli, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba.

178 Peress li l-Kummissjoni talbet li UG tiġi kkundannata għall-ispejjeż u peress li din tal-aħħar tilfet fir-rigward tal-aggravji kollha tagħha, hemm lok li hija tiġi kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-appell huwa miċħud.**

2) **UG hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.**

Firem